Kumitat Amministrattiv SWATAR
Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida
Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# MINUTI
# Kumitat Amministrattiv SWATAR

## Laqgħa Numru 31
## Il-Erbgha 24 ta'Mejju 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Swatar ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal Kunsill Lokali Msida li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-5.30p.m.

### PREŻENTI:

Deborah Galea
Owen Patrick Attard
Jimmy Zahra

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Matthew Mangion
Emanuel Galea

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

il-ViciChairperson Deborah Galea ippresediet l-laqgħa.

### 31.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

31.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġiji ta'
Mathew Mangion, talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Emanuel Galea, talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta'xoghol.
Il-membri prezenti accetaw l-ittri ta’ apoloġiji

### 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.2.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ppreżenta l-minuti ta’ Seduta Nru 30 u ttieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 31.3 Komunikazzjoni mic-*ChairPerson* ;

31.3.01 Il-ViciChairperson li kienet qed tippresidi l-laqgha fl-assenza tac-*Chairperson* , is-Sur Matthew Mangion, ma Kellha l-ebda kommunikazzjoni xi twassal lill-membri prezenti.

### 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-membri;

31.4.01 Il-ViciChairperson Deborah Galea gharrfet lill-membri prezenti li nhar il-Hadd, 21 ta' Mejju, waqt il-quddiesa tas-7:30, il-kappilan avza lill-parruciani dwar zvillupp li ha jsir gol-art magharufa tas-Sisla, fejn hareg permess ghal 75 appartament u staqsiet jekk xi hadd mill-membri ghandux xi informazzjoni dwar l-applikazjoni u jekk kienx hemm xi ogezzjonin ghal dan il-progett, ghax minn kummenti li semghet, dan se jaghlaq l-access ghaz-zona u ha jonqos il-parkegg.
Is-Sur Jimmy Zahra staqsa jekk dan kienx il-kliem tal-kappillan.
Il-ViciChairperson Deborah Galea wiegbet li hadd mill-membri tal-KAS ma gie nfurmat u dan semghetu waqt il-quddies.
Is-Sur Owen Patrick Attard qal li l-art kienet qed tintuza bhala *dumping site* u parkegg u trid tara ezatt f'hiex jikkonsisti dan il-progett.
Il-ViciChairperson Deborah Galea qalet li l-art kienet darba tal-knisja u kienet moghodija lill-Gvern
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li ha jitkixxef fuq l-applikazjoni u jibaghat id-dettalji lill-membri biex ikunu nfurmati fuq dan il-progett u jekk ghandhom xi kummenti x’jaghmlu, dawn jigu moghodija lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ghax iz-zona taqa’ tahthom.

31.4.02 Is-Sur Owen Patrick Attard gharraf lill-membri prezenti li gie avvicinat minn residenta u staqsiet meta se ssir il-laqgha Annuali ghar-residenti u meta qallha li se ssir dakinhar stess, din qaltlu li ma tela’ xejn fuq il-*facebook* . Hawn kompla jispjega li s-soltu dawn jircievu avviz, izda din id-darba ma hadu xejn u ghalhekk hemm bzonn insibu aktar mezzi ta' kommunikazzjoni biex jilhqu lill kulhadd.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li l-aviz hareg kif titlob il-ligi.
Is-Sur Owen Patrick Attard qal li dan veru hareg izda hafna nies ma jarawx dan l-avviz. Ghalhekk hemm bzonn li nilhqu n-nies ahjar permess ta' *leaflet* u mezzi ohra tal-media u staqsa jekk hux possibli issir laqgha ohra ghall-kommunita'.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dejjem tista' ssir laqgha ohra ghall-komunita' u mhux bilfors tkun dik annwali.
Il-ViciChairperson Deborah Galea staqsiet meta din tista' ssir.
Is-Sur Owen Patrick Attard sugerixaghall Settembru jew Ottubru.

31.4.03 Is-Sur Jimmy Zahra staqsa dwar il-bandli
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li l-ewwel parti tax-xoghol fic-cint hija lesta u il-manutenzjoni tal-bandli qed isir, filwaqt li l-bankijiet lesti u bdew jitwahhlu. Sfortunatament ga kien hemm atti ta' vandalizmu fuq dawn. It-*Tender* ghall-apparat tal-*Gym* u tapit se johrog fit-2 ta'Gunju u jaghlaq fil-5 ta'Lulju, fejn imbaghad dawn jigu kkunsidrati u wara li jigi agudikat, jekk ma jkunx hemm apelli, ix-xoghol ta' installar tal-apparat u il-*fence* ikun jista' jibda.
Is-Sur Owen Patrick Attard kkumenta li anke mal-hitan tat-tarag li rrangaw il-Kunsill ta' Birkirkara, ga hemm speci ta' Graffiti.
Il-ViciChairperson Deborah Galea qalet li hija hasra.
Is-Sur Jimmy Zahra staqsa dwar CCTV cameras fuq il-post.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li hemm il-hsieb biex dawn isiru u l-kaxxa, jekk possibli, tinzel il-kunsill tal-Msida.

31.4.04 Is-Sur Jimmy Zahra staqsa dwar nota mill-Kunsill Lokali l-Imsida li baghatu lir-residenti dwar zvillupp fuq il-Wied tal-Msida.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li kif gharraf f'seduta precedenti, il-Kunsill ghamel oggezzjoni ufficjali permess tal-perit tieghu, filwaqt li zamm lir-residenti taz-zona nfurmati b'dak li qed jaghmel. Il-Kunsill huwa wkoll infurmat li xi residenti ghamlu l-oggezzjoni taghhom.
Is-Sur Jimmy Zahra qal li dawn ghamlu laqgha mal-Ministru Zammit Lewis.

**31.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv li jkunu meħtieġa;**

31.5.01 Ma kienx hemm

**31.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.6.01 Il-laqgħa intemmet fis-7:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 19 ta' Gunju 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti kkonfermati, illum 28 ta' Gunju 2017

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Alan Vella |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |